## reċensjoni tal-ktieb

# XEHIR FIS-SKIET

Fi tmiem tal-2019, Horizons ippubblikat il-ġabra ta' poeżiji *Xehir fis-Skiet* ta' Omar Seguna. Dawn huma xi kummenti dwar kitbet l-awtur.

"Fost il-forom tal-letterarjetà magħżula bħala mezz speċjali ta' espressjoni u ta' komunikazzjoni, il-poeżija ilha, sa mill-bidu tal-istorja tal-bniedem, titqies bħala speċjali, distinta. Il-forma speċjali tindika li l-kontenut ukoll hu meqjus bħala speċjali, u għalhekk il-kontenut hu l-forma, u l-forma hi l-kontenut, verità li hi marbuta storikament ma' Francesco de Sanctis (tal contenuto tal forma).

B'dawn il-kummenti essenzjali, li lkoll jimplikaw attitudni speċjali fil-kittieb speċjali - il-poeta - il-versi ta' Omar Seguna f'din il-ġabra jistgħu jiksbu l-aħjar tifsira tagħhom, lil hinn minn kull ġudizzju kritiku li jiġi wara. Huwa jħaddem l-għarfien kulturali tiegħu kollu, u jibni fuqu l-lingwaġġ figurattiv li huwa jaf li huwa l-qofol ta' kull kreazzjoni poetika. L-aspett awtobijografiku huwa preżenti bħalma hu kull riferiment storiku, esperjenzjali ieħor. Jekk il-poeżija "Taħt Sema Griż" hi għamla ta' dokument tal-identità spiritwali, il-poeżiji l-oħrajn kollha, fosthom "Kemm Nixtieq", "Progress", u "Fis-Silenzju ta' Bejnietna", huma paġni tipiċi ta' dan it-tip ta' djarju.

Mill-bqija, din il-ġabra kollha tista' titqies, f'termini kemm ta' tema u kemm ta' stil, bħala rakkont personali dwar l-imgħoddi, waqt li lill-fattur poetiku, figurattiv, Seguna jiżviluppah tajjeb f'mudell universali li jista' jsir l-espressjoni ta' kulħadd. Huwa qiegħed jiġġudika l-imgħoddi u l-preżent, waqt li jfittex is-sens permanenti li jista' jinstab fiħom biex kollox isir metafora, jiġifieri fatt esperjenzjali u xbieha ta' kulma hu kostanti u dejjiemi."

**PROF OLIVER FRIGGIERI**

"Ngħidha bla tlaqliq li Omar Seguna huwa poeta għal qalbi, għax fis-sempliċità tal-versi tiegħu tinħass ruħ li taf tiżen u taf tħoss in-niket u n-nuqqasijiet tal-kotra. L-iżbilanċ soċjali jdejqu sew; hekk dejjem xehdet il-poetika tiegħu. Il-leħen tal-protesta tiegħu hu inċiżiv imma qatt kattiv jew abbużiv. Meta jistqarr li hu 'bħal ramla f'deżert' tifhem sew l-umiltà u sew l-għadab tiegħu għall-arroganza tal-poter kull fejn tinbet. Għaldaqstant, bosta poeżiji f'din il-ġabra jixhdu t-tbatija u d-diżugwaljanza li għadhom kotrana f'dinja li suppost hi tagħna lkoll.

Omar huwa wkoll wieħed mill-ftit poeti lokali li ħaddmu l-poeżija plastika, fejn ukoll iħaddem ferm tajjeb il-lingwaġġ tiegħu b'arranġamenti viżwali bħal f'"It-Triq lejn id-Dar u f'Ħajt". F'dan il-qasam aktarx li l-aktar waħda oriġinali hi "Demm" li, miktuba bl-aħmar, tqarreb ħafna l-arti viżiva. Firruħ makabra tagħha tħoss il-qilla tal-għelt u tal-protesta.

F'terminu ġenerali l-poeżija ta' Omar hi waħda ta' osservazzjoni soċjopolitika, ta' kejl sensittiv u ta' twiddib ġust. Jagħraf, bħal kull poeta, li vrusu mhux se jbiddlu d-dinja, imma jagħraf ukoll li l-kruha li teżisti taħt it-tlellix ta' soċjetà għamja-truxa trid tibqa' tiġi missielta f'ġieħ is-sewwa. Din hi t-tielet ġabra ta' Omar Seguna; jidher li baqa' kostanti fit-tematika tiegħu: l-analiżi meqjusa u l-viżjoni nobbli ta' għejxien ġust għal kulħadd. Hija ħolma ta' ġustizzja soċjali li ma naffordjawx nitilqulha l-ħabel. Omar hu poeta importanti f'din it-taqbida ġusta."

**VICTOR FENECH**




**Mistoqsija:**

Min kienu l-individwi li kkummentaw fuq kitbet Omar Seguna?

.................................................................................................................................................

Ibagħtu r-risposta tagħkom lil: Kompetizzjoni Ktieb, ***KullĦadd,*** ONE Complex A 28B, Industrial Estate, il-Marsa MRS 3000, u tidħlu biċ-ċans li tirbħu l-ktieb ***XEHIR FIS-SKIET.*** Ir-rebbieħ jitħabbar nhar il-Ħadd 30 ta' Awwissu.
Ir-rebbieħa huma mitluba jiġbru l-ktieb mill-ONE Complex, il-Marsa, billi jippreżentaw il-karta tal-identità, flimkien mal-ittra li se tintbagħtilhom minn din il-gazzetta, mit-Tlieta sal-Ġimgħa bejn id-09.00 u s-14.00, u s-Sibt bejn l-11.00 u l-17.00, festi pubbliċi esklużi.
Intant, ir-rebbieħa tal-ktieb ***IRVIN VELLA INVESTIGATUR VIRTWALI: IL-KAŻ STELLA MARIS*** hija:

**CARMEN BORG - IL-ĦAMRUN**

## IDĦOL BIĊ-ĊANS LI TIRBAĦ €100

01

**Ġemma' l-kupuni ta' ħames ġimgħat wara xulxin kif ukoll wieġeb il-mistoqsija marbuta mal-aħbarijiet. Ibgħathom f'daqqa lil: KOMPETIZZJONI €100, *KullĦadd,* ONE Complex, A 28 B, Industrial Estate, Il-Marsa MRS 3000**

**X'inhu l-persentaġġ li bih żdied id-dħul disponibbli għall-familji meta mqabbel mal-2013?**

Tweġiba:

Isem:

Numru tat-telefown:

Indirizz:

Rebbieħ:
G. CALLEJA - SANTA VENERA